MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 145/2002/1

**L-Avukat Dr. Kevin F. Dingli u l-Avukat Dr. Tonio Grech, fil-kwalita' taghhom bhala mandatarji specjali tas-socjeta' estera Pozzoli Doriana & C s.n.c. ta' Como, Italia.**

**-vs-**

**PRO LINE Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu l-atturi nomine ppremettew;

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici l-ammont ta' tlieta u hamsin miljun, mija hamsa u tmenin elf tmien mitt lira taljani (LIT 53,185.800), prezz ta'

merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta' attrici skond diversi fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dokument “A”, “B”, “C”, “D” u “E”, bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati rispettivi tal-istess fatturi sal-hlas effettiv.

Illi l-ammont ta’ tlieta u hamsin miljun, mija hamsa u tmenin elf u tmein mitt lira taljani (LIT 53,18.800) huwa ekwivalenti ghall-ammont ta’ sebha u ghoxrin elf, erba’ mija u tmienja u sittin Euros (Euros 27,468) skond ir-rata tal-kambju tallum u cioe’ id-data tac-citazzjoni odjerna, document “F”, mahrug mill-Bank Centrali ta’ Malta u skond l-istess document “F” l-imsemmi ammont ta’ Euros huwa ekwivalenti ghall-ammont ta’ ghaxart elef disa’ mija tmienja u tletin liri maltin (Lm10,938).

Illi nonostante illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi mis-socjeta’ attrici sabiex thallas l-imsemmi kreditu, is-socjeta’ konvenuta qabghet inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjarra s-socjeta’ konvenuta debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont t’ ghaxart elef, disa’ mija u tmienja u tletin liri maltin (Lm10,938), ekwivalenti ghal LIT 53, 185.800/Euro 27,468 kif fuq premess skond ir-rata tal-kambju tallum, cieo’ id-data tal-prezentata tac-citazzjoni (Dok F), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-istess fatturi Dokument “A”, “B”, “C”, “D” u “E”, sal-hlas effettiv.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont t’ ghaxar elef, disa’ mija u tmienja u tletin liri Maltin (Lm10,938).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 t’ April, 2001 kontra s-socjeta’ konvenuta illi hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi nomine mahlufa mill-Avukat Dr. Kevin F. Dingli fis-7 ta’ Frar, 2002 w il-lista tax-xhieda;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------